IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.7.2020
COM(2020) 623 final

2020/0161 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda d-Direttiva (UE) 2016/798, fir-rigward tal-applikazzjoni tar-regoli dwar is-sikurezza ferrovjarja u l-interoperabbiltà ferrovjarja fi ħdan il-Channel Fixed Link

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

It-Trattat bejn Franza u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-bini u t-tħaddim minn konċessjonarji privati ta' Channel Fixed Link, iffirmat f'Canterbury fit-12 ta' Frar 1986 (minn hawn 'il quddiem "It-Trattat ta' Canterbury") stabbilixxa Kummissjoni Intergovernattiva biex tissorvelja l-kwistjonijiet kollha dwar il-bini u t-tħaddim taċ-Channel Fixed Link.

Sa tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni stabbilit bil-Ftehim dwar l-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika[1], il-Kummissjoni Intergovernattiva hija l-awtorità nazzjonali tas-sikurezza skont it-tifsira tal-Artikolu 3(7) tad-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2], li hija kompetenti għaċ-Channel Fixed Link.

F'konformità mal-Artikolu 3(7) tad-Direttiva (UE) 2016/798, awtorità nazzjonali tas-sikurezza tista' tkun korp fdat minn diversi Stati Membri bil-kompiti rigward is-sikurezza ferrovjarja. Madankollu, wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni msemmi hawn fuq, il-Kummissjoni Intergovernattiva se tkun korp stabbilit minn Stat Membru u pajjiż terz. Id-Direttiva (UE) 2016/798 ma tipprevedix il-possibbiltà ta' awtorità nazzjonali tas-sikurezza bħala korp fdat minn Stat Membru u pajjiż terz. Għalhekk, sakemm ma jiġix previst mod ieħor, wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, id-dritt tal-Unjoni mhux se jibqa' japplika għall-parti taċ-Channel Fixed Link taħt il-ġurisdizzjoni tar-Renju Unit.

Sabiex jiġi żgurat it-tħaddim sikur u effiċjenti taċ-Channel Fixed Link, jeħtieġ li jkun hemm awtorità unika tas-sikurezza responsabbli għall-infrastruttura kollha, li għandha tibqa' l-Kummissjoni Intergovernattiva. Dan jirrikjedi li d-Direttiva (UE) 2016/798 tiġi emendata.

F'inizjattiva parallela u relatata, il-Kummissjoni tipproponi wkoll l-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tagħti s-setgħa lil Franza biex tinnegozja u tikkonkludi, b'ċerti kundizzjonijiet, ftehim internazzjonali li permezz tiegħu l-Kummissjoni Intergovernattiva tibqa' tkun l-awtorità nazzjonali unika tas-sikurezza għaċ-Channel Fixed Link[3]. Tali ftehim ikun jiżgura li l-Kummissjoni Intergovernattiva tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni applikabbli għall-Awtoritajiet Nazzjonali tas-Sikurezza, u b'mod partikolari mad-Direttiva (UE) 2016/798, mad-Direttiva (UE) 2016/797[4] u mar-Regolament (UE) 2016/796[5] fiċ-Channel Fixed Link. Dan il-ftehim ikun jipprevedi li, f'każijiet ta' emerġenza, l-awtorità nazzjonali tas-sikurezza Franċiża tkun tista' tassumi temporanjament il-kompetenza fuq il-parti taċ-Channel Fixed Link li taqa' taħt il-ġurisdizzjoni Franċiża. Ikun jipprevedi wkoll li, meta tilwima quddiem it-tribunal tal-arbitraġġ stabbilit mit-Trattat ta' Canterbury tqajjem kwistjoni ta' interpretazzjoni tad-dritt

---

1 ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7.

2 Id-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar is-sikurezza ferrovjarja, ĠU L 138, 26.5.2016, p. 102.

3 COM (2020) 622.

4 Id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea, ĠU L 138, 26.5.2016, p. 44.

5 Ir-Regolament (UE) 2016/796 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 881/2004, ĠU L 138, 26.5.2016, p. 1.

tal-Unjoni, dak it-tribunal irid jirreferi dik il-kwistjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Fl-aħħar nett, skont id-Deċiżjoni proposta tal-għoti tas-setgħa, il-Kummissjoni tawtorizza lil Franza tikkonkludi l-ftehim wara li tivverifika li jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-għoti tas-setgħa.

Filwaqt li tqis din il-Proposta tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni tal-għoti tas-setgħa indirizzata lil Franza, din il-Proposta għandha l-għan li temenda l-Artikolu 3(7) tad-Direttiva (UE) 2016/798, li tiddefinixxi l-kunċett ta' "awtorità nazzjonali tas-sikurezza", kemm għall-finijiet ta' sikurezza ferrovjarja skont dik id-Direttiva kif ukoll għall-finijiet ta' interoperabbiltà ferrovjarja skont id-Direttiva (UE) 2016/797. L-objettiv huwa li korp fdat minn Stat Membru u minn pajjiż terz bil-kompiti rigward is-sikurezza ferrovjarja u l-interoperabbiltà ferrovjarja abbażi ta' ftehim internazzjonali konkluż jew awtorizzat mill-UE, ikun jista' jitqies bħala awtorità nazzjonali tas-sikurezza skont id-dritt tal-Unjoni.

Barra minn hekk, din il-Proposta tipprevedi li, meta jkun meħtieġ għal raġunijiet ta' sikurezza ferrovjarja u mingħajr dewmien, l-Istat Membru kkonċernat għandu juża d-dritt mogħti mill-ftehim mal-pajjiż terz ikkonċernat, li permezz tiegħu l-awtorità nazzjonali tas-sikurezza tkun intitolata tassumi l-kompetenza esklużiva fuq il-parti tal-infrastruttura ferrovjarja li tinsab f'dak l-Istat Membru. Il-proposta tipprevedi wkoll li l-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja jkollha ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi fuq talba ta' tribunal tal-arbitraġġ stabbilit minn ftehim internazzjonali bħal dak li permezz tiegħu Franza għandha tingħata s-setgħa li tinnegozja u tikkonkludi mar-Renju Unit.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din il-proposta hija emenda b'kamp ta' applikazzjoni limitat ħafna tad-Direttiva (UE) 2016/798 li tindirizza wħud mill-konsegwenzi li jirriżultaw mill-fatt li dik id-Direttiva mhux se tibqa' tapplika għar-Renju Unit. It-termini proposti huma strettament limitati għal dak li huwa meħtieġ f'dan ir-rigward, biex jiġu żgurati operazzjonijiet transfruntiera sikuri u effiċjenti, u biex jiġu kkomplementati d-dispożizzjonijiet eżistenti. Din il-proposta hija kompletament konsistenti mal-leġiżlazzjoni eżistenti.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta tikkonċerna s-sikurezza ferrovjarja u l-interoperabbiltà ferrovjarja, u temenda d-Direttiva (UE) 2016/798 biex tindirizza speċifikament is-sitwazzjoni taċ-Channel Fixed Link wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika hija l-Artikolu 91(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Peress li l-proposta titlob emenda tad-Direttiva (UE) 2016/798 li hija meħtieġa għall-finijiet deskritti hawn fuq, l-objettiv tagħha jista' jinkiseb biss permezz ta' att fil-livell tal-Unjoni.

- **Proporzjonalità**

Ir-Regolament propost huwa kkunsidrat proporzjonat peress li jista' jiżgura t-tħaddim sikur u effiċjenti taċ-Channel Fixed Link u jevita tfixkil billi jipprevedi bidla ġuridika limitata u neċessarja. Ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dan l-objettiv.

- **Għażla tal-istrument**

Din il-proposta fiha sett limitat ta' dispożizzjonijiet biex tindirizza sitwazzjoni speċifika ħafna u l-ebda waħda minnhom ma teħtieġ traspożizzjoni fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Meta jitqies dan, jidher li Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill huwa forma adegwata ta' att ġuridiku.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX-POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex-post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli, peress li l-proposta hija emenda ta' leġiżlazzjoni eżistenti u għandha kamp ta' applikazzjoni limitat ħafna.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-kamp ta' applikazzjoni limitat ħafna tal-emenda tad-Direttiva (UE) 2016/798 ma jirrikjedix konsultazzjoni pubblika dwar il-proposta.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Din il-proposta ġiet soġġetta għal analiżi ġuridika u teknika interna biex jiġi żgurat li l-miżura proposta tilħaq l-iskop maħsub tagħha, iżda fl-istess ħin hija limitata għal dak li huwa strettament meħtieġ.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhijiex meħtieġa valutazzjoni tal-impatt, minħabba li ma hemm l-ebda alternattiva ta' politika materjalment differenti disponibbli għajr dik proposta.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma għandha l-ebda impatt fuq l-applikazzjoni jew il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Mhux applikabbli

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Mhux applikabbli.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-Direttivi)**

Mhux applikabbli

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-Proposta tikkonsisti f'żewġ elementi:

(1) Billi jiddaħħal inċiż ġdid fl-Artikolu 3(7) tad-Direttiva (UE) 2016/798, korp fdat minn Stat Membru u minn pajjiż terz bil-kompiti rigward is-sikurezza ferrovjarja abbażi ta' ftehim internazzjonali konkluż jew awtorizzat mill-Unjoni jista' jitqies bħala awtorità nazzjonali tas-sikurezza skont id-dritt tal-Unjoni.

(2) Skont il-paragrafu 4 ġdid imdaħħal fl-Artikolu 16 tad-Direttiva (UE) 2016/798, se jiġu stabbiliti regoli speċifiċi għall-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar is-sikurezza ferrovjarja u l-interoperabbiltà ferrovjarja meta l-awtorità tas-sikurezza għal biċċa unika ta' struttura tal-inġinerija tiġi stabbilita minn Stat Membru u minn pajjiż terz skont ftehim internazzjonali konkluż jew awtorizzat mill-Unjoni. B'mod partikolari, din id-dispożizzjoni tipprevedi l-obbligu tal-Istat Membru kkonċernat li jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżgura li d-dritt tal-Unjoni jiġi applikat f'kull ħin. Tipprevedi wkoll li l-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja hija kompetenti biex tieħu deċiżjonijiet preliminari dwar kwistjonijiet ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni meta jitqajmu f'tilwim bejn l-Istat Membru u l-pajjiż terz ikkonċernati fl-oqsma tas-sikurezza ferrovjarja u tal-interoperabbiltà ferrovjarja.

2020/0161 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda d-Direttiva (UE) 2016/798, fir-rigward tal-applikazzjoni tar-regoli dwar is-sikurezza ferrovjarja u l-interoperabbiltà ferrovjarja fi ħdan il-Channel Fixed Link

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[6],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[7],

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) L-Artikolu 16 tad-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8] jirrikjedi li l-Istati Membri jistabbilixxu awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza li jridu jiġu fdati bil-kompiti speċifikati fir-rigward tas-sikurezza ferrovjarja. F'konformità mal-Artikolu 3(7) tad-Direttiva (UE) 2016/798, awtorità nazzjonali tas-sikurezza tista' mhux biss tkun awtorità stabbilita b'mod unilaterali mill-Istat Membru kkonċernat iżda, alternattivament, korp fdat minn diversi Stati Membri b'dawk il-kompiti sabiex jiġi żgurat reġim unifikat tas-sikurezza.

(2) It-Trattat bejn Franza u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-bini u t-tħaddim minn konċessjonarji privati ta' Channel Fixed Link, iffirmat f'Canterbury fit-12 ta' Frar 1986 ("it-Trattat ta' Canterbury") stabbilixxa Kummissjoni Intergovernattiva biex tissorvelja l-kwistjonijiet kollha dwar il-bini u t-tħaddim taċ-Channel Fixed Link.

(3) Sa tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni stabbilit bil-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika[9], ("il-perjodu ta' tranżizzjoni"), il-Kummissjoni Intergovernattiva hija l-awtorità nazzjonali tas-sikurezza skont it-tifsira tal-Artikolu 3(7) tad-Direttiva (UE) 2016/798 responsabbli għaċ-Channel Fixed Link.

(4) Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, il-Kummissjoni Intergovernattiva se tkun korp stabbilit minn Stat Membru u minn pajjiż terz. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor, ma tibqax awtorità nazzjonali tas-sikurezza skont id-dritt tal-Unjoni u d-dritt tal-Unjoni ma jibqax japplika għall-parti taċ-Channel Fixed Link taħt il-ġurisdizzjoni tar-Renju Unit.

---

6 ĠU C , , p. .

7 ĠU C , , p. .

8 Id-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar is-sikurezza ferrovjarja, ĠU L 138, (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 102).

9 ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7.

(5) Sabiex jiġi żgurat it-tħaddim sikur u effiċjenti taċ-Channel Fixed Link, jista' jkun ta' benefiċċju li l-Kummissjoni Intergovernattiva tibqa' l-awtorità unika tas-sikurezza responsabbli għall-infrastruttura kollha.

(6) Għal dak l-għan, id-Deċiżjoni XXX/XX tawtorizza lil Franza, b'ċerti kundizzjonijiet, tinnegozja, tiffirma u tikkonkludi ftehim li bih il-Kummissjoni Intergovernattiva stabbilita permezz tat-Trattat ta' Canterbury tinżamm bħala l-awtorità tas-sikurezza kompetenti għall-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fiċ-Channel Fixed Link.

(7) Jeħtieġ li d-Direttiva (UE) 2016/798 tiġi adattata sabiex titqies dik is-sitwazzjoni partikolari.

(8) Għal dan l-għan, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi fir-rigward tal-awtoritajiet kompetenti, kif ukoll fir-rigward tal-obbligi tal-Istat Membru kkonċernat li jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżgura li d-dritt tal-Unjoni jiġi applikat f'kull ħin mill-awtorità kompetenti komuni jew, fin-nuqqas ta' dan, mill-awtorità kompetenti tiegħu stess. Is-soluzzjoni ta' tilwim bejn l-Istat Membru kkonċernat u l-pajjiż terz fl-oqsma tas-sikurezza ferrovjarja tista' tqajjem kwistjonijiet ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Konsegwentement, jenħtieġ li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tingħata l-kompetenza biex tieħu deċiżjonijiet preliminari dwar kwistjonijiet bħal dawn,

(9) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġi adottat bħala kwistjoni ta' urġenza, sabiex jiġi żgurat li d-dispożizzjonijiet meħtieġa jkunu fis-seħħ fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Għaldaqstant jixraq li tiġi prevista eċċezzjoni għall-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

(10) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-Direttiva (UE) 2016/798 hija emendata kif ġej:

(a) Fl-Artikolu 3, il-punt 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. "awtorità nazzjonali tas-sikurezza" tfisser

– il-korp nazzjonali fdat bil-kompiti rigward is-sikurezza ferrovjarja f'konformità ma' din id-Direttiva,

– kwalunkwe korp fdat minn diversi Stati Membri b'dawk il-kompiti sabiex jiġi żgurat reġim unifikat ta' sikurezza,

– kwalunkwe korp fdat minn Stat Membru u pajjiż terz b'dawk il-kompiti sabiex jiġi żgurat reġim unifikat ta' sikurezza, diment li l-Unjoni tkun ikkonkludiet ftehim għal dan l-għan mal-pajjiż terz ikkonċernat jew li Stat Membru jkun kkonkluda ftehim bħal dan f'konformità ma' awtorizzazzjoni mogħtija mill-Unjoni għal dan l-għan."

(b) Fl-Artikolu 16, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4. Meta biċċa unika ta' struttura tal-inġinerija tinsab parzjalment f'pajjiż terz u parzjalment fi Stat Membru, dak l-Istat Membru jista' jaħtar, minbarra l-awtorità nazzjonali tas-sikurezza kompetenti mod ieħor għat-territorju tagħha, u f'konformità mat-tielet inċiż tal-punt (7) tal-Artikolu 3 u bi ftehim internazzjonali konkluż mill-Unjoni jew awtorizzat minnha, awtorità

tas-sikurezza kompetenti speċifikament għal dik l-istruttura tal-inġinerija u l-elementi l-oħra kollha tal-infrastruttura ferrovjarja marbuta magħha ("l-awtorità speċifika tas-sikurezza"). F'konformità ma' dak il-ftehim, l-awtorità nazzjonali tas-sikurezza tista' tassumi temporanjament il-kompetenza għall-parti tal-infrastruttura li tinsab fit-territorju ta' dak l-Istat Membru.

Fil-kuntest ta' kwalunkwe ftehim internazzjonali, kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu l-miżuri kollha għad-dispożizzjoni tiegħu skont it-tali ftehim biex jiżgura li l-awtorità speċifika tas-sikurezza tikkonforma mad-dispożizzjonijiet applikabbli tad-dritt tal-Unjoni. Għal dan l-għan u meta jkun meħtieġ għal raġunijiet ta' sikurezza ferrovjarja u mingħajr dewmien, l-Istat Membru kkonċernat għandu juża d-dritt mogħti mill-ftehim mal-pajjiż terz ikkonċernat, li permezz tiegħu l-awtorità nazzjonali tas-sikurezza tkun intitolata tassumi l-kompetenza esklużiva fuq il-parti tal-infrastruttura ferrovjarja li tinsab fl-Istat Membru kkonċernat.

Meta tilwima mressqa għall-arbitraġġ f'konformità ma' ftehim internazzjonali msemmi fl-ewwel subparagrafu tqajjem kwistjoni ta' interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu jkollha l-ġurisdizzjoni li tiddeċiedi dwar il-kwistjoni fuq talba tat-tribunal tal-arbitraġġ stabbilit biex isolvi t-tilwim skont dak il-ftehim internazzjonali.

Id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li jirregolaw il-proċeduri mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'konformità mal-Artikolu 267 tat-TFUE għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għat-talbiet għal deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li saru skont it-tielet subparagrafu.

Fil-kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'konformità mat-tielet subparagrafu:

(a) il-pajjiż terz li huwa parti fil-ftehim internazzjonali msemmi fl-ewwel subparagrafu jista' jipparteċipa fil-proċedimenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea bl-istess mod bħal Stat Membru;

(b) l-avukati awtorizzati jipprattikaw quddiem il-qrati jew it-tribunali ta' dak il-pajjiż terz għandhom ikunu intitolati jirrappreżentaw jew jassistu kwalunkwe parti fit-tali proċedimenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Fit-tali kawżi, dawk l-avukati għandhom f'kull aspett jiġu trattati bħala avukati awtorizzati jipprattikaw quddiem il-qrati tal-Istati Membri li jirrappreżentaw jew jassistu parti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Meta l-awtorità speċifika tas-sikurezza tonqos milli tikkonforma ma' kwalunkwe deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'konformità mat-tielet subparagrafu, l-Istat Membru kkonċernat għandu, mingħajr dewmien, juża d-dritt mogħti mill-ftehim internazzjonali mal-pajjiż terz imsemmi fl-ewwel subparagrafu, li permezz tiegħu l-awtorità nazzjonali tas-sikurezza tkun intitolata tassumi l-kompetenza esklużiva fuq il-parti tal-infrastruttura ferrovjarja li tinsab fl-Istat Membru kkonċernat."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*